MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Appell Civili Numru. 44/2009/1

**Concetta Schembri**

**v.**

**Direttur tad-Dipartiment of Citizenship and Expatriate Affairs, Central Visa Unit u Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

**1.** Din hi sentenza dwar appell tar-rikorrenti appellanti Concetta Schembri minn sentenza mogħtija fid-29 ta' Novembru 2011 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li ċaħdet l-

eċċezzjonjiet preliminari tal-intimati appellati u laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-intimati appellati fil-mertu u għalhekk ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti appellanti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**Ir-Rikors Promotorju tal-Ġudizzju**

**2.** Bir-rikors tagħha tat-23 ta' Lulju 2009 ir-rikorrenti Concetta Schembri talbet lill-ewwel Onorabbli Qorti 1) tiddikjara li l-intimati jew min minnhom qegħdin jiksru l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja u ċioe` id-dritt għall-ħajja familjari u dan billi mhux qegħdin iħallu rikonġunġiment familjari bejn ir-rirkorrenti u r-raġel tagħha jsir u dan billi mhux qiegħdin joħorġu l-visa skont il-liġi; 2) tordna lill-intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju joħorġu l-visa neċessarja fil-konfront ta' Syed Ayaż Ali Shah u ċioe` r-raġel tar-rikorrenti 3) tagħti dawk ir-rimedji li jidhrilha effettivi u opportuni fiċ-ċirkostanzi, bl-ispejjeż kontra l-intimati nklużi tal-protest ġudizzjarju.

**3.** Il-premessi fir-rikors promotorju tal-ġudizzju li fuqhom ir-rikorrenti msemmija bbażat t-talbiet tagħha huma s-segwenti:
"1. Illi r-rikorrenti tirrileva li fid-19 ta` Marzu 2008 hija zzewget lil Syed Ayaz Ali Shah, cittadin Pakistani (Passaport Number KAI94683) u dan fil-Comune di Piotello, Provincia di Milano. Dan iz-zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta` Malta ;

"2. Illi originarjament ir-ragel tar-rikorrenti kien wasal Malta fis-sena 2004 u kien inzamm detenut fic-centru tad-detenzjoni gewwa Hal Safi ;

"3. Illi sussegwentement, wara li Syed Ayaz Ali Shah inghata l-liberta`, il-koppja ltaqghu u bdew ir-relazzjoni taghhom. Huwa kien mar gewwa l-Italja u r-rikorrenti kien marret hemm wara ftit zmien. Hemmhekk, il-koppja zzewget bir-rit civili ;

"4. Illi l-koppja kienet ser tibqa` tghix l-Italja izda sussegwentement iddecidew li jirritornaw lura Malta ;

“ l-Ambaxxata Maltija gewwa Ruma nfurmat lil Syed Ayaz Ali Shah li huwa ma kienx ser jinghata visa sabiex jidhol Malta u li kellu jmur lura gewwa pajjizu u japplika ghall-visa minn hemmhekk ;

“6.  Illi fil-fatt Syed Ayaz Ali Shah hekk ghamel u mar lura lejn il-Pakistan, filwaqt li r-rikorrenti giet lura Malta.  Huwa applika sabiex jinghata visa izda l-awtoritajiet Maltin ghadhom ma hargulu l-ebda visa;

“7.  Illi r-ragel tar-rikorrenti huwa ‘exempt person’ ai termini tal-Artikolu 4(1)(g) tal-Kap.218 tal-Ligijiet ta` Malta li jghid illi, ‘id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV ta` dan l-Att ma japplikawx ghal kull persuna (g) li tkun il-konjugi ta` persuna msemmija f`wiehed mill-paragrafi ta` qabel dan u tkun ghadha mizzewga u tghix ma` dik il-persuna’ u b`hekk ghandu d-dritt, skond il-ligi, illi jithalla tidhol Malta;

“8.  Illi r-rikorrenti qed tilmenta li l-fatt illi zewgha, mhux qieghed jinghata visa sabiex huwa jidhol regolarment hawn Malta huwa ksur tad-drittijiet fondamentali taghha.”

**Ir-Risposta tal-intimati Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-Expatriate Affairs, tad-Direttur tas-Central Visa Unit u tal-Kummissarju tal-Pulizija**

**4.** L-intimati permezz ta’ risposta tagħhom tat-12 ta’ Awwissu 2009 wieġbu billi sostnew li ma kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

**5.** Il-motivazzjonijiet tal-intimati, apparti dawk li kienu jikkonċernaw l-eċċezzjonjiet ta’ natura preliminari li ġew miċħuda mill-ewwel Qorti u li fir-rigward tagħhom ma sarx appell, kienu sostanzjalment kif ġej:

1) premess illi Syed Ayaz Ali Shah kien daħal Malta b’mod illegali u ħarab minn Malta wara li t-talba tiegħu għal ażil ġiet miċħuda, iċ-ċirkostanzi li fihom ġie kontrattat iż-zwieġ tiegħu mar-rikorrenti jimmilitaw favur il-konklużjoni li kien żwieġ ta’ konvenjenza;

2) il-kwistjoni jekk persuna titħalliex tidħol fi Stat u l-għoti jew it-tneħħija tal-*exempt person status* mhumiex drittijiet li joħorġu mill-Konvenzjoni Ewropeja u għalhekk l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni ma jistax jiġi invokat għall-każ odjern;

3) l-obbligu tal-Istat hu li jħares il-ħajja familjari u mhux li jikkonċedi lil xi persuna d-dritt li tistabilixxi ħajja familjari f'ġurisdizzjoni partikolari;

4) il-Konvenzjoni ma tħarisx id-dritt ta' persuna li tgħix fi Stat partikolari u għalhekk ir-rikorrenti ma tistax tippretendi xi dritt ta' *family life* ġewwa Malta.

**6.** Din il-Qorti rat l-atti kollha tal-proċess quddiem l-ewwel Qorti inklużi n-nota tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti (fol. 95 tal-proċess fi prim' istanza) u tal-intimati (fol. 108 tal-proċess fi prim' istanza).

**Is-Sentenza Appellata**

**7.** Fis-sentenza appellata tad-29 ta' Novembru 2011 l-ewwel Qorti, wara li irriproduċiet il-kontenut tar-rikors promotorju tal-ġudizzju u tar-risposta fuq imsemmija, għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati li mhux ser jiġu hawn riprodotti in kwantu li ma sarx appell mid-deċiżjoni dwarhom, għamlet ġabra tal-fatti kif irriżultawlha mill-provi u għaddiet sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet li ġejjin dwar il-pretensjoni tar-rikorrenti fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja u tad-duttrina in materja:
"Bhala punt ta` principju, din il-Qorti trid tghid li d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u familjari tal-individwu huwa sagrosant u m`ghandux ikun soggett ghal indhil mill-awtorita` pubblika hlief fil-kazi kontemplati bl-Art.8.

"Fil-kaz tal-lum, kien accertat li r-rikorrenti (cittadina ta` Malta) u r-ragel taghha (cittadin tal-Pakistan) zzewgu l-Italja bir-rit civili. Iz-zwieg taghhom kien imbaghad registrat fir-Registru taz-Zwigijiet ta` Malta. Huwa eskluz li r-rikorrenti u zewgha kkoabitaw f`Malta qabel izzewgu fl-Italja. Daqstant iehor huwa eskluz li qatt kien hemm xi

hsieb almenu min-naha tar-rikorrenti li tizzewweg lil Ali Shah gewwa Malta. Anzi r-rikorrenti kienet kategorika meta xehdet illi meta Ali Shah kien ghadu Malta hi ma rieditx tizzewgu ghalkemm huwa ried jizzewwigha ghad illi kien ilu jafha biss ghal tliet xhur.

“Fis-sentenza taghha tal-4 ta` Dicembru 2007 filkawza “**Dickson vs UK** il-Qorti Ewropeja qalet hekk –

“*The object of article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities.*”

“Il-kelma *arbitrary* hija kelma iebsa. Timplika abbuz jew arbitriju. Timplika wkoll l-irragonevolezza. Ghalhekk l-indhil mill-awtorita` pubblika ghandu jkun fil-kazi specifikament kontemplati fit-tieni paragrafu ta` l-Art.8 (ara d-decizjoni tal-Qorti Ewropeja tal-24 ta` Settembru 2007 fil-kawza “**Tysiac vs Poland**”).

“L-awtorita` pubblika ghandha tabilhaqq tirrispetta b`mod reali u effettiv il-hajja privata u familjari. Fl-istess waqt kull Stat ghandu dritt jikkontrolla fit-territorju tieghu d-dhul, ir-residenza u t-tkeccija ta` persuni li mhumiex cittadini ta` dak l-Istat (ara s-sentenza “**Moustaquim vs Belgium”** tal-1991).

“Il-kontroll ma jsirx sabiex persuna tigi diskriminata minn ohra. Isir ukoll sabiex ikun hemm prevenzjoni effettiva tal-abbuz. Il-kontroll mill-Istat isir ukoll minhabba l-obbligi multilaterali u internazzjonali li dak l-Istat ikollu. Senjatament fil-fattispeci tal-kaz tal-lum, bl-operat tat-Trattat tal-UE ta` Schengen.

“Fil-kuntest tal-Art.8 dak li jrid jigi stabbilit huwa jekk tkunx tezisti hajja familjari li haqqha protezzjoni u jekk l-interferenza tkunx gustifikata (ara “**Raid Mabruk El Masri vs L-Onorevoli Prim Ministru et” -** PAK/GV - 4 ta` Ottubu 2004).”

**8.** Hawnhekk il-Qorti għamlet riferenza għal dak li jgħidu xi awturi u għas-sentenza tal-Qorti Eworpeja

**Abdulaziz, Cabalas and Balkandali v. UK** tat-28 ta` Mejju 1985 u ssoktat bil-konsiderazzjonijiet tagħha kif ġej:

“L-Art.8 ma jistax jigi interpretat b`mod li jaghti lil koppji mizzewga d-dritt fuq xi Stat fejn jista` jkun hemm residenza matrimonjali b`mod li jkun hemm id-dritt tal-unjoni tal-familja fit-territorju ta` dak l-Stat [**Gul vs Switzerland 19 ta` Frar 1996**].

“Ghax huwa dritt ta` l-Istat li jikkontrolla l-immigrazzjoni ta` nies li mhumiex cittadini tieghu meta dawn ikunu jew ser jidhlu jew jinsabu ga` fit-territorju tieghu, mhux kull interferenza tal-*family life* da parti ta` l-Istat hija vjetata ghaliex jista` jissussistu cirkostanzi fejn tali interferenza tkun permissibbli.

“L-awturi **Janis, Kay & Bradley** fil-ktieb *European Human Rights Law – Text and Materials* (Third Edition – 2008 – Oxford University Press) pag. 407-408 ighidu hekk –

*“Infringements of art 8 rights are permitted when necessarey to protect important state interests. In such cases therefore a state may rely on a sufficient threat to the safety and economic welfare of its citizens.**Abdulaziz, Cabales and Balkandali vs United Kingdom** 28.5.1985 EHRR 471 confirmed principle that it is well established international law that a state has the right to control the entry of non-nationals into its territory. The resulting question is whether in the factual circumstances of each case the state had struck a fair balance between the relevant interests. In that case the court held that the refusal of the UK to allow the husbands of legally settled women to join them did not itself violate art 8.*

“Fil-kuntest tal-premess, din il-Qorti tirriafferma l-principju li kull kaz jew sitwazzjoni ghandha l-istorja taghha. In sintesi l-principji applikati fil-gurisprudenza taghna u tal-Qorti Ewropeja huwa mahsuba sabiex jistabilixxu bilanc bejn id-drittijiet tal-Istat u dawk talindividwu.

“Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti tghid li ghalkemm mhux kontestat li r-rikorrenti u Ali Shah izzewgu fl-Italja, huma qatt ma rawmu bejniethom mqar il-hsieb ta` hajja familjari.

“Irrizulta li qabel Ali Shah hareg minn Malta llegalment (ir-rikorrenti ma tghidx kenitx taf jew le li kien sejjer jaghmel hekk) ma kellhiex il-hsieb li tizzewgu. Fi zmien tant qasir ta` ftit xhur, kien difficli ferm ghal Ali Shah u wisq anqas ghar-rikorrent li tippjanta l-idea ta` hajja familjari. Kien biss meta Ali Shah kien l-Italja u r-rikorrenti marret tiltaqa` mieghu li bil-maqlub ta` li gara f`Malta rrikorrenti dawret il-hsieb li ddecidiet li tizzewweg lil Ali Shah. Ghala din il-bidla fil-hsieb jibqa` fatt mistur!

“Bhall-intimati, din il-Qorti mhijiex konvinta mill-genwinita` tad-decizjoni tar-rikorrenti li tizzewweg lil Ali Shah.

“Mank darba fid-deposizzjoni taghha, ir-rikorrenti ma tistqarr li kienet thobb lil Ali Shah.

“Mank tfisser minimament l-intimita` tar-relazzjoni taghha mieghu ghalkemm kienet ixjeh minnu bi tletin (30) sena.

“Mank tispjega ghala dawret il-hsieb.

“Mank tipprova tfiehem lil din il-Qorti ghala ma segwietx lil zewgha fil-Pakistan.

“Issostni li ma kenitx qeghda tghix ma` zewgha ghaliex baqa` l-Pakistan. Mela ex admissis ghandha kaz ta` separazzjoni *de facto.*

“Mela tistaqsi din il-Qorti xi kwalita` ta` *family life* kienet din tar-rikorrenti fil-kuntest tal-Art.8 ?

“X`*exempt status* jista` Ali Shah jippretendi li jottjeni jekk ma jghix ma` martu – fejn huwa mmaterjali ?

“Kienet ta` min kienet l-ghazla, jekk inhu l-kaz, certament pero` ma kenitx tal-awtoritajiet Maltin li bhala fatt applikaw il-ligi aktar milli ndahlu fid-drittijiet ta` haddiehor.

“Fir-relazzjoni tar-rikorrenti ma` Ali Shah, ma tirrizultax il-prova sodisfacjenti u reali mqar fuq bilanc ta` probabilitajiet ta` *family life*.

**“Fi kwalunkwe kaz tibqa` sorpriza ghal din il-Qorti l-assenza totali ta` impenn tal-istess Ali Shah fl-*iter* ta` din il-kawza. Mank farka stqarrija da parti tieghu biex isostni dak li kienet qeghda tghid ir-rikorrenti jew sabiex jikkontradici dak li kien qed jinghad mill-intimati. Fil-kaz ta` Ali Shah, assenza totali ta` kwalsiasi interess jew impenn f`din il-kawza !**

**“Mhuwiex il-kompitu ta` din il-Qorti li tghid jekk dak ta` bejn ir-rikorrenti u Ali Shah kienx zwieg ta` konvenjenza. Li certament u minghajr esitazzjoni ta` xejn kien stabbilit minn din il-Qorti huwa li bid-decizjoni tal-intimati jew min minnhom li ma tohrogx visa a favur ta` Ali Shah ma sar l-ebda ksur tal-Art.8 tal-Konvenzjoni.”**

**9.** Wara dawn il-konsiderazzjonijiet l-ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża kif ingħad[1].

**L-Appell tar-rikorrenti**

**10.** Ir-rikorrenti Concetta Schembri ħassetha aggravata bis-sentenza surriferita tal-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta’ Novembru 2011 u interponiet appell minnha permezz ta’ rikors tal-15 ta’ Diċembru 2011 fejn talbet lil din il-Qorti jogħġobha tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn caħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti appellati dwar l-eżawriment ta’ rimedji ordinarji qabel ma ġew inizjati dawn il-proċeduri u dwar in-nuqqas ta’ interess ġuridiku min-naħa tar-rikorrenti li jinħarġilha l-visa u kwindi hemm nuqqas ta’ interess ġuridiku personali u dirett, tilqa’ t-talbiet rikorrenti u tiddikjara li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja Kap 319 u tagħti rimedju effikaċi lill-istess rikorrenti appellanti

[1] Ara para. 1 *supra*

fosthom li tordna li tinħareġ Visa fil-konfront ta' Syed Ayaz Ali Shah, ċittadin Pakistani (Passaport Number KA194683) u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellati.

**11.** L-aggravji tar-rikorrenti appellanti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

1) l-ewwel Qorti għamlet żball meta assumiet li l-għemil tal-intimati appellati kien wieħed normali skont il-liġi peress li meta persuna tkun tgawdi *exempt person status* dik il-persuna tista' tidħol Malta mingħajr il-ħtieġa ta' ebda visa;

2a) l-ewwel Qorti naqset milli tagħti konsiderazzjoni għall-fatt li kien diffiċli ħafna għar-rikorrenti appellanti li tmur tgħix il-Pakistan minħabba raġunijiet kulturali u reliġużi u ta' sigurta` meta kienet għexet għomorha kollu bħala nisranija f'Malta;

2b) il-ġenwinita` o meno taż-żwieġ tar-rikorrenti ma hux deċiżiv f'dawn il-proċeduri peress li dak li hu determinanti huwa jekk jekk il-koppja tistax tissejjaħ familja fit-termini tal-Artikolu 8 meta skont ir-rikorrenti r-relazzjoni ġenerata bi żwieġ tikwwalifika bħala "familja" anki jekk ma tkunx għadha ġiet stabbilita għal kollox ħajja familjari;

3) żewġ ir-rikorrenti ma tħalliex jidħol Malta fuq suspett li ż-żwieġ tiegħu mar-rikorrenti kien wieħed ta' konvenjenza iżda d-deċiżjoni tal-awtoritajiet f'dan is-sens ma tteħdtix skont il-liġi li ma toffri ebda protezzjoni mill-arbitrarjeta`;

4) l-affermazzjoni tal-ewwel Qorti li kienet sorpriża bin-nuqqas ta' impenn ta' Ali Shah fil-proċeduri odjerni ma hix ġustifikata tenut kont tal-fatt li huwa ma setax jipparteċipa fil-proċeduri għaliex kien jinsab barra minn Malta u ma ngħatax visa biex ikun jista' jidħol Malta.

**Ir-Risposta tal-intimati għar-rikors tal-appell tar-rikorrenti**

**12.** Ir-rikorrenti appellat wieġeb illi din il-Qorti għandha tiċħad l-appell interpost mir-rikorrenti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha u dan peress illi:

1) filwaqt li d-Dipartiment taċ-ċittadinanza qatt ma rċieva applikazzjoni mingħand is-sur Ayaz sabiex jiġi konfermat lilu l-istat ta' persuna eżenti, fi kwalunkwe każ s-sur Ayaz, bħala persuna minn pajjiż terz li mhuwiex preżenti f'Malta, xorta waħda kien jeħtieġlu visa valida sabiex ikun jista' jidħol f'Malta;

2) l-ewwel Qorti kienet korretta meta konkludiet li l-appellanti u s-sur Ayaz ma kienux jiffurmaw familja apparti li, inoltre, l-obbligu tal-Istat huwa li jirrispetta d-dritt għall-ħajja familjari u mhux li jikkonċedi d-dritt lil xi persuna li tistabbilixxi ħajja familjari f'xi ġurisdizzjoni partikolari;

3) l-ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li li ma kienx irriżulta li kien hemm xi interferenza arbitrarja da parti tal-awtoritajiet pubbliċi u li dak li rriżulta kien li ma kien hemm ebda ħajja familjari li timmerita protezzjoni;

4) il-kumment tal-ewwel Qorti dwar in-nuqqas ta' interess jew impenn da parti ta' Ayaz fil-proċeduri kien wieħed korrett peress li għalkemm Ayaz kien jinsab barra minn Malta l-liġi kienet tipprovdi mekkaniżmu preċiż sabiex huwa jkun jista' jagħti x-xiehda tieghu.

## Fatti tal-Kawża

**13.** Il-fatti tal-kawża fil-qosor huma s-segwenti.

**14.** Ayaz Said Shah Ali wasal Malta b'mod irregolari fl-2004 u nżamm detenut fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni f'Ħal Safi sakemm inħeles mill-kustodja. Waqt li kien detenut f'Ħal Safi Ayaz Said għamel ħbieb ma' Carmel Sammut, ir-raġel ta' oħt ir-rikorrenti. F'Ottubru 2005 inħeles mill-kustodja u mar fl-Open Centre tal-Marsa sakemm inħeles u mar joqgħod fl-Open Centre . Beda jagħmel xi xogħol fid-dar ta' Carmel Sammut sakemm eventwalment l-istess Sammut stieden lil Ayaz Said sabiex jibqa' joqgħod għandu. Ir-rikorrenti wkoll mar għal xi żmien toqghod id-

dar ta' Carmel Sammut u dan għaliex kienet qed tirranġa d-dar tagħha fir-Rabat. Hawnhekk jidher li bdiet xi relazzjoni bejn Said u r-rikorrenti. Ftit wara Said mar l-Italja. F'Novembru 2007 ir-rikorrenti telgħet hi wkoll l-Italja fejn kien Said u fejn jidher li għamlet xi żmien tgħix miegħu. F'Diċembru 2007 mar jarahom Carmel Sammut u bintu u f'dak iż-żmien ir-rikorrenti u Said iddeċidew li jiżżewġu u hekk għamlu fil-Comune di Pioltello u dan f'Marzu 2008.

**15.** Ir-rikorrenti u Said għall-ewwel iddeċidew li jibqgħu jgħixu l-Italja iżda wara riedu jirritornaw Malta. Għall ħabta ta' April 2008 marru l-Ambaxxata Maltija f'Ruma biex jistaqsu għal Visa għal Said fejn ġew informati li Said ma kienx ser jingħata visa u li kellu jirritorna f'pajjiżu fil-Pakistan u japplika għall-visa hemm. Għall ħabta ta' Mejju 2008 ir-rikorrenti rritornat Malta sabiex tgħin lil Said jottjeni l-visa minn Malta u kif diretta tagħmel fil-5 ta' Awwissu 2008 kitbet lill-Visa Unit tispjega x'kellha bżonn. Fit-8 ta' Awwissu 2008 irritornat l-Italja iżda baqgħet f'komunikazzjoni mal-Visa Unit li mingħandhom, iżda, tgħid li baqgħet ma rċevietx risposta. Said eventwalment, għall-ħabta ta' Ottubru 2008 mar f'pajjiżu l-Pakistan waqt li r-rikorrenti rritornat lura Malta. Sa llum baqgħet ma nħarġet ebda visa lil Said.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

### *Preliminari*

**16.** L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali jipprovdi kif ġej:

**ARTIKOLU 8**

"(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.

"(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi

u li jkun meħtieġ f ’soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta’ delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta’ ħaddieħor.”

**17.** In vista tal-fatt li l-aggravji tal-appellanti huma kollha allaċjati flimkien u mmirati sabiex juru li l-ewwel Qorti kienet żbaljata fil-konkluzjoni tagħha li ma kienx hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni dawn ser jiġu indirizzati minn din il-Qorti b’mod kummulattiv u mhux *seriatim*.

*Prinċipji*

**18.** L-iStat għandu dritt jeżerċita kontroll fuq id-dħul fit-territorju tiegħu ta’ persuni li ma humiex ċittadini tiegħu u fuq id-dritt tagħhom ta’ residenza fl-istess territorju[2]. Id-deċiżjonjiet tal-iStat f’dan il-qasam, iżda, ma humiex illimitati safejn jistgħu jinterferixxu ma xi dritt imħares bil-paragrafu 1 tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni peress li tali deċiżjonijiet iridu jkunu konformi mal-liġi u jkunu meħtieġa f’soċjeta` demokratika, u ċioe` ġustifikati b’xi esiġenza soċjali pressanti u proporzjonati mal-għan leġittimu persegwit[3]. Fejn ikun il-każ il-Qorti tkun trid teżamina jekk ir-rifjut tal-permess ta’ residenza tal-applikant kienx iżomm il-bilanċ xieraq bejn l-interessi relevanti, u ċioe` id-dritt għar-rispett tal-ħajja familjari tal-applikant fuq naħa u l-prevenzjoni ta’ diżordni jew il-kommissjoni ta’ delitti fuq l-oħra[4].

**19.** L-Artikolu 8 jħares id-dritt għal rispett tal-ħajja familjari u b’hekk jippresupponi l-eżistenza ta’ ħajja familjari. Ifisser xi jfisser il-kunċett ta’ familja dan ġie ritenut li ċertament jinkludi dik ir-relazzjoni li titwieled minn żwieġ li jkun skont il-liġi u ġenwin u li normalment

---

[2] Ara fost oħrajn ECHR Abdulaziz, Cabales and Balkandali v UK, 28/5/1985, #67; Boujloifa v France, 21/10/1997, #42; Q. Kost. Siham Habbad et v Onor. Prim Ministru et, 19/4/2012, #15

[3] ECHR Dalia v France, 19/2/1998; #52; Mehemi v France, 26/9/1997,#34; Boultif v Switzerland, 2/8/2001, #46

[4] Każ Boultif, *ibid*, #47

jikkomprendi l-ko-abitazzjoni[5]. Inoltre, il-kunċett ta' "ħajja familjari" fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ġie ritenut li ma hux ristrett biss għal relazzjonijiet bbażati fuq iż-żwieġ mentri jista' jabbraċċja rabtiet "familjari" *de facto* bħar-relazzjonjiet bejn missier naturali u l-wild barra ż-żwieġ. Barra minn hekk l-Artikolu 8 jħares mhux biss il-"ħajja familjari" ġia stabbilita iżda fiċ-ċirkostanzi idoneji jestendi l-ħarsien tiegħu wkoll għal dik ir-relazzjoni potenzjali li tista' eventwalment tiżviluppa bejn il-missier naturali u l-wild barra ż-żwieġ. Fatturi relevanti f'dan ir-rigward huma n-natura tar-relazzjoni bejn il-ġenituri naturali u l-interess u l-impenn tal-ġenitur naturali lejn il-wild kemm qabel kif ukoll wara t-twelid[6]. Fattur relevanti ieħor huwa jekk il-persuna tkunx ikkontrattat iż-żwieġ, anki jekk mhux wieħed manifestament ta' konvenjenza, meta kienet taf bil-prekarjeta` tas-sitwazzjoni mill-perspettiva ta' immigrazzjoni; f'dan il-każ ġie ritenut li x'aktarx ikun biss f'ċirkostanzi mill-aktar eċċezzjonali li t-tneħħija tan-non-ċittadin tiġi ritenuta li tivvjola l-Artikolu 8[7].

**20.** Għalkemm il-ko-abitazzjoni tista' jkun rekwiżit ta' relazzjoni familjari jista' jkun hemm fatturi oħra li jservu sabiex juru li ċertu relazzjoni għandha permanenza suffiċjenti sabiex tiġġenera rabtiet familjari *de facto* bħal, fil-każ ta' relazzjoni bejn ġenituri u ulied, in-natura u d-durata tar-relazzjoni bejn il-ġenituri, jekk il-persuni konċernati kienux ppjanaw li jkollhom ulied, jekk il-missier irrikonoxxiex il-wild bħala tiegħu u, fost oħrajn, ir-regolarita` tal-kuntatt[8].

*Applikazzjoni tal-prinċipji*

**21.** Iż-żmien kollu li Syed Ayaż Ali Shah għamel f'Malta kien wieħed prekarju mil-lat ta' immigrazzjoni. Wasal Malta irregolarment fl-2004 u meta ġie rilaxxjat mill-kustodja għall-ħabta ta' Ottubru 2005 mar jgħix fl-Open Centre tal-Marsa u wara għamel xi żmien jgħix ma'

---

[5] ECHR Każ Abdulaziz, *ibid*, #62; Berrehab v The Netherlands, 21/6/1988, #21

[6] Ara fost oħrajn ECHR Dec. Amm. Nylund v Finland, 29/6/1999 Sez. 2(a); Genovese v Malta, sent. 11/10/2011, #29

[7] ECHR Dec. Adm. Mitchell v UK, 24/11/1998; Ajayi v UK, Dec. Adm. 22/6/1999

[8] ECHR Joseph Grant v UK, 8/1/2009 #30 u ohrajn hemm riferiti.

Carmel Sammut, żewġ oħt ir-rikorrenti, li magħhom kienet toqgħod ukoll ir-rikorrenti peress li kienu qed isiru xi xogħlijiet fir-residenza tagħha. Dak iż-żmien ir-rikorrenti kellha l-eta` ta' ċirka tnejn u sittin (62) sena filwaqt li Syed Ayaż Ali Shah kellu l-eta` ta' ċirka tnejn u tletin (32) sena. Wara xi żmien bdiet relazzjoni bejn ir-rikorrenti u Ali Shah. Ma tirriżultax informazzjoni ulterjuri dwar in-natura ta' din ir-relazzjoni ħlief li skont Carmel Sammut "bdew joħorġu ma' xulxin"[9] u skont hu jaf li "ħarġu darba li rajthom żgur, imbagħad ma nafx…"[10]. Fil-ftit xhur li kienu għadhom jafu lil xulxin f'Malta Ali Shah talab lir-rikorrenti jiżżewwiġha u din irrifjutat[11]. Sakemm Ali Shah kien għadu Malta r-rikorrent qatt ma kellha ħsieb tiżżewwġu[12]. Ali Shah baqa' jgħix mal-familja Sammut għal xi hames (5) xhur[13]. Wara xi żmien Ali Shah telaq waħdu minn Malta u daħal l-Italja illegalment. Hawn ukoll is-sitwazzjoni tiegħu mil-lat ta' immigrazzjoni kienet waħda prekarja għall-aħħar. Xi sena wara[14], f'Novembru 2007[15], ir-rikorrenti marret l-Italja "bħala holiday"[16]. Meta kienet l-Italja, iżda, r-rikorrenti ddeċidiet li tiżżewweġ lil Ali Shah u fil-fatt hekk għamlet fid-19 ta' Marzu 2008 u ċioe` hames (5) xhur wara li r-rikorrenti waslet l-Italja. Ir-rikorrenti ma għamlet ebda indaġni sabiex tara jekk wara li tiżżewġu Ali Shah kienx ikun jista' jidħol Malta. F'Mejju 2008 r-rikorrenti rritornat lura Malta. F'Awwissu 2008 reġgħet marret l-Italja u rritornat lura Malta f'Ottubru 2008 filwaqt li Syed Ayaż Ali Shah mar il-Pakistan.

**22.** Ma jirriżultax li nżamm kuntatt regolari bejn ir-rikorrenti u Syed Ayaż Ali Shah wara li dan ħalla l-Italja għall-Pakistan ħlief għal xi telefonata[17] ftit wara li rritorna l-Pakistan sabiex ikompli jħeġġeġ lir-rikorrenti takkwistalu l-visa għal Malta meta ma rnexxilux jakkwista visa għal Malta mill-Pakistan.

---

[9] Affidavit Sammut fol. 18
[10] Affidavit Sammut fol. 90
[11] Depożizzjoni rikorrenti fol. 72-73
[12] Depożizzjoni rikorrenti fol. 76
[13] Depożizzjoni rikorrenti fol. 70
[14] Affidavit Sammut fol. ibid
[15] Depożizzoni rikorrenti fol. 16
[16] Depożizzjoni rikorrenti fol 85
[17] Affidavit rikorrenti fol. 17

**23.** Minn dak kollu premess din il-Qorti hi tal-fehma li fiż-żmien kollu li kien Malta r-rikorrenti f'ebda ħin ma fforma jew stabilixxa xi ħajja familjari mar-rikorrenti. L-inkontri ta' bejniethom jirriżultaw pjuttost ambigwi, tenwi u neqsin minn kwalunkwe tip ta' impenn familjari lejn xulxin. Meta Ali Shah mar lura l-Italja s-sitwazzjoni sostanzjalment ma nbidlitx.

**24.** Huwa veru li fil-ftit xhur li r-rikorrenti damet l-Italja hija żżewġet lil Ali Shah iżda l-uniku impenn li dan jidher li ġġenera huwa sabiex jakkwistaw visa lil Ali Shah biex jidħol Malta. Sabiex iż-żwieġ jiġbed il-ħarsien tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, kif ingħad, hu meħtieġ li dak iż-żwieġ ikun wieħed "skont il-liġi u ġenwin"[18].

**25.** Ma jidhirx li l-intimati ssollevaw xi dubbji serji dwar li ż-żwieġ tar-rikorrenti ma' Ali Shah kien "skont il-liġi". Huwa minnu li l-aħjar prova ta' dan iż-żwieġ saret fi stadju pjuttost tardiv billi d-dokumenti neċessarja ġew esibiti mar-rikors tal-appell meta setgħu faċilment ġew esibiti fl-ewwel istanza u di piu` ma humiex awtentikati skont il-liġi; fi proċeduri ordinarji din il-Qorti kien ikollha problemi serji dwarhom. Iżda l-intimati, filwaqt li rrimarkaw dwar dawn in-nuqqasijiet fir-risposta tagħhom għall-appell , la fl-ewwel istanza u anqas f'din l-istanza qatt ma kkwestjonaw li ż-żwieġ kien wieħed "skont il-liġi" u għalhek din il-Qorti, fiċ-ċirkostanzi u tenut kont tan-natura kostituzzjonali tal-proċeduri odjerni, lesta li taċċetta bħala li hu "skont il-liġi" l-istess żwieġ.

**26.** L-intimati, iżda, kkwestjonaw bis-sħiħ il-ġenwinita` taż-żwieġ msemmi.

**27.** Ir-rikorrenti kienet taf ben tajjeb bis-sitwazzjoni prekarja li fiha kien jinsab Ali Shah bħala persuna li hi "third country national" u li għalhekk skont l-awtoritajiet Maltin kien jeħtiġilha visa sabiex tidħol f'Malta[19]. Ir-rikorrenti tippretendi li żewġha ma kellu bżonn ebda visa

---

[18] Ara # 19 supra
[19] Ara depożizzjoni ta' Joseph Mizzi fol. 52-53

sabiex jidħol Malta iżda Ali Shah, personalment, jew permezz tar-rikorrenti jew permezz ta' xi persuna terza bħala mandatarja tiegħu ma ntenta ebda proċedura ordinarja sabiex jikkontesta r-rifjut tal-ħruġ tal-visa li huwa jippretendi li kellha tinħariġlu skont il-liġi. Jibqa' l-fatt li waqt li Ali Shah kien Malta r-rikorrenti rrifjutat li tiżżewwġu u għażlet biss li tiżżewġu l-Italja fi żmien ta' ftit xhur minkejja d-differenza sostanzjali fl-eta` ta' bejniethom u l-inċertezza futura ta' kull legam bejniethom. Il-koabitazzjoni li jidher li kien hemm bejn ir-rikorrenti u Ali Shah fl-Italja jidher li kienet waħda transitorja u mill-bidu tagħha ma setgħetx taspira għal permanenza minħabba l-istatus irregolari ta' Ali Shah fl-Italja, ir-reluttanza tar-rikorrenti li takkompanjah fil-Pakistan u r-rifjut persistenti mill-awtoritajiet li joħorġulu visa għal Malta. Ma jirriżulta ebda tentattiv da parti tar-rikorrenti sabiex tingħaqad ma' Ali Shah fil-Pakistan minkejja li ma ġew prodotti ebda provi ta' xi diffikultajiet jew ostakoli sabiex dan ikun jista' jseħħ.

**28.** Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti hi wkoll sorpriża bl-assenza assoluta minn dawn il-proċeduri ta' Ali Shah li f'ebda stadju tagħhom ma rreġistra l-iċken impenn jew interess da parti tiegħu għalkemm jidher li kien ferm attiv, impenjat u interessat fit-tentattivi li saru sabiex jottjeni visa biex ikun jista' jidħol f'Malta. In-nuqqas ta' visa biex Ali Shah jidħol Malta ma tispjega b'ebda mod dan in-nuqqas ta' impenn, attivita` u interess fil-proċeduri odjerni peress li xejn ma kien iżomm il-produzzjoni, jew tal-anqas tentattiv ta' produzzjoni, ta' xi komunikazzjoni da parti tiegħu konsistenti f'xi ittra, affidavit, depożizzjoni permezz ta' ittri rogatorji jew ta' kwalunkwe xort'oħra li tal-anqas tirreġistra l-interess tiegħu. Minflok il-Qorti hi konfrontata bin-nulla min-naħa tiegħu.

**29.** Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha din il-Qorti ma tirravviżax xi ċirkostanzi eċċezzjonali tali li jwassluha sabiex tirritjeni li kienet teżisti ħajja familjari bejn ir-rikorrenti u Ali Shah li taqa' taħt il-ħarsien tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

**30.** Raġġunta din il-konklużjoni din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tidħol biex tikkunsidra r-rekwiżiti tal-paragrafu 2 tal-istess artikolu tenut kont tal-fatt li dan kien ikun relevanti li jsir fl-eventwalita` li l-Qorti tikkonferma l-eżistenza ta' fattispeċi li jaqgħu taħt il-ħarsien tal-paragrafu 1 mentri l-Qorti għadha kemm ikkonkludiet li dan ma hux il-każ.

**Decide**

Għall-motivi premessi il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mir-rikorrenti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------